Multicultural Problem Gambling Service for NSW
*strengthening people and families*

**KARTA TAL-FATTI**

Maltese

# Nibtu numru ta' qlajjiet, superstituzzjonijiet u twemmin falz dwar il-magni tal-logħob għall-flus.

| QLAJJA 1 | FATTI |
|---|---|
| Il-magni huma pprogrammati biex jipproduċu logħob rebbieħ jekk kien hemm wisq telf irrekordjat f'ċertu perjodu. | Il-magni tal-logħob għall-flus joperaw b'mod ta' kif jigi jigi L-ĦIN KOLLU minkejja r-rebħ jew telf li jkun sar qabel. |

| QLAJJA 2 | FATTI |
|---|---|
| Il-magni tal-logħob għall-flus iħallsu aktar f'ħinijiet speċjali tal-ġurnata. | M'hemm l-ebda differenza fl-operat tal-magna jekk tiġi milgħaba f'ħin partikulari tal-jum jew tal-lejl. |

| QLAJJA 3 | FATTI |
|---|---|
| Wara numru ta' telfiet, min ikun jilgħab għandu jkompli jilgħab għax il-magna tkun se "troddlu lura" billi tipproduċi serje ta' rebħiet. | Il-logħbiet li jkunu saru qabel m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' l-ebda logħba, jew serje ta' logħbiet, li għandhom mnejn jintlagħbu wara. |

**QLAJJA 4**

Magna tista' tkun ittrikjata biex tipproduċi kumbinazzjonijiet ta' rebħ billi:

**FATTI**

| | |
|---|---|
| tibdel il-mod ta' kif tilgħab | FALZ |
| tmiss il-magna b'xi mod | FALZ |
| tibdel il-livelli ta' mħatri | FALZ |
| tibdel in-numru tal-linji milgħuba | FALZ |
| tiskopri fattur ta' "ħila" sigriet | FALZ |
| tibdel il-veloċità tal-logħob | FALZ |

## Kif jaħdmu l-magni tal-logħob għall-flus

Ir-riżultati kollha tal-logħob jiġu ddeterminati minn Ġeneratur ta' Numri bl-Addoċċ (Random Number Generator - RNG). Din hi "magna taċ-ċans" li tagħżel is-simboli għal kull logħba. It-teknoloġija tikkontrolla l-aspetti kollha tal-logħba minn x'ħin titfa' l-munita jew il-karta tal-flus sa meta jiġi ddeterminat ir-riżultat ta' kull dawra.

## Għalhekk ma tista' qatt tbassar ir-riżultat ta' ebda logħba.

- Mela, int għandek TISTENNA li fuq tul twil ta' żmien int ser titlef il-flus, għax ma tista' tuża l-ebda forma ta' ħila biex tegħleb il-magna
- Tilgħabx flus li ma tistax taffordja li titlef-agħmel limitu
- Ipprova żomm rekord tar-rebħiet u tat-telfiet wara kull sezzjoni tal-logħob biex tkun taf kemm qed tonfoq
- Jekk tixrob xorb alkoħoliku waqt li tkun qed tilgħab, agħmel dan bil-moderazzjoni – alkoħol iżżejjed għandu mnejn iwassal għall-infiq iżjed ta' flus minn kemm kont biħsiebek tonfoq meta bdejt tilgħab

## Xi lagħba għandhom mnejn jgħaddu minn problema ta' logħob tal-ażżard. Is-sinjali għandhom mnejn jinkludu:

- Taħseb wisq dwar l-attività tal-logħob tal-ażżard
- Iżżid l-ammonti li tilgħab u tibqa' tipprova tagħmel tajjeb għat-telf
- Taħbi sinjali tal-logħob tal-ażżard tiegħek mill-familja u l-ħbieb
- Tissellef flus biex tilgħabhom, tbigħ jew tissellef fuq affarijiet tad-dar biex tħallas il-kontijiet jew biex tilgħabhom
- Tilgħab il-flus biex tinsa l-inkwiet

## Ikkuntattjana fuq 1800 856 800 bejn it-8.30am u l-5.00pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa

Diversity Health Institute
Quality Health Care for a Diverse Australia

Għal għajnuna barra l-ħin tas-servizz tagħna, jekk jogħġbok ikkuntattja lil Gambling Help Infoline, linja telefonika ta' tagħrif dwar problemi tal-logħob tal-ażżard, ta' għajnuna ta' pariri u ta' riferiment fuq 1800 858 858 li hu miftuħ 24 siegħa, sebat ijiem kull ġimgħa.

Multicultural Problem Gambling Service hu inizjattiva konġunta tal-Community Relations Commission For a Multicultural NSW u Sydney West Area Health Service. Għajnuna finanzjarja għal dan il-proġett ngħatat mill-Gvern ta' New South Wales mir-Responsible Gambling Fund (RGF). Imma l-opinjonijiet espressi f'din il-pubblikazzjoni, huma biss dawk tal-awtur/i.
Iddisinjat, tradott u pprintjat bil-permess tal-Australian Gaming Machine Manufacturers Association fl- 2008.